Minuti ta l-laqgħa numru sitta u għoxrin (26) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, li nżammet nhar l-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2020 fis-6.20pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Alan Said | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier* |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier* |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier* |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier* |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier* |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

*Ipparteċipaw on-line fuq skype

- Fil-bidu tas-seduta kienu preżenti, l-kunsillieri li kienu fiżikament fl-uffiċċju, 34, Triq Inguanez: is-Sur Ian Vassallo, Is-Sur Chris Farrugia u s-Sur Nazju Cassar li kienu magħna virtwalment.

26.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Talba u Ittri ta' apoloġija

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-Kunsillieri qalu t-talba flimkien.

26.02 **Ħatra tas-Sur Alan Joseph Said bħala kunsillier tar-Rabat** — Ħatra ta' kunsillier

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, f'isem il-Kunsill Lokali tar-Rabat, **feraħ pubblikament lis-Sur Alan Said** talli issa ħa post Dr Karl Muscat. Is-Sur Said irringrazzja lill-kunsillieri.

26.03 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbgħa u għoxrin (25).** — Minuti 25

**Il-minuti** tas-seduta preċedenti kienu kkunsidrati u approvati unanimament mingħajr l-ebda' korrezzjoni wara li kienu ċirkulati mal-agenda ħamest ijiem qabel is-seduta u kienu proposti mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u ssedkondati mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti.

**Punti mill-Minuti:**

26.03.01 Kien imsemmi l-**appell tal-offerta pubblika tal-Ġnien ta' Bir Iljun**. Il-membri tal-bord il-ġdid ta' evalwazzjoni huma dawn: is-Sra Roberta Galea, is-Sur Nicholas Borg (Inġinier), is-Sur Mannie Galea (Perit) u Dr Chris Cilia LL.D. Dan il-bord diġa' iltaqa' darbtejn u se jintbgħatu mill-ġdid it-talbiet għall-klarifiki lill-offerenti biex jirrisponduhom. — Ġnien Bir Iljun

**Fis-18.26 daħal on-line is-Sur Kris Grech**

26.03.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq ir-**refurbishment tal-latrina pubblika** ta' Triq il-Kulleġġ li issa qed tkun miftuħa kif maqbul mil-Kunsill, mingħajr offerta pubblika mis-Sur Paul Borg li qed jiftaħa kuljum. Is-Sur Sandro Craus qal illi x-xogħol ta' *refurbishment* intlaqà tajjeb mill-pubbliku. Kienu proposti biex jinxtraw tabelli li juru li kmajra minnhom hija għal persuni b'diżabilità, oħra sinjal ta' raġel u sinjal ta' — Latrina fi Triq il-Kulleġġ

mara. Hemm diffikulta' fuq il-*membrane* li ma sarx u li se jitnaqqas mill-kont muri fuq l-iskeda 315 li kienet approvata f'din is-seduta numru 26 item 13452.

26.03.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem fuq il-**pavimentar taz-zuntier** mill-Ministeru tat-Trasport, u qal illi issa wasal fi tmiemu. Pavimentar taz-zuntier

26.03.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, semma' wkoll ix-**xogħlijiet li qed isiru fi Triq Lawrenti,** mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq it-trinka tal-mejn tal-ilma qabel ma din it-triq tingħata t-tarmak. Hu qal li x-xogħlijiet kienu weħlu ftit minħabba diffikultajiet mal-ERA. Triq Lawrenti

26.03.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, informa lill-kunsillieri illi l-Kunsilli Lokali tar-Rabat u l-Imdina se jkunu qed jibbenefikaw minn fond ta' Eur 50, 000 biex jinxtraw **vetturi tal-elettriku** sabiex iwasslu lill-pubbliku fiz-zoni tar-Rabat permezz tal-iskema tal-***European Mobility Week*** li konna applikajna għaliha. Din l-applikazzjoni kienet magħżula minn fost diversi applikazzjonijiet f'kompetizzjoni ħarxa. Issa rridu niktbu t-*tender* biex joħroġ għall-pubbliku. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus żied jgħid ili dawn il-vetturi jinħtieġ illi jkunu żgħar ħalli jidħlu wkoll anke fl-isqaqien dojoq tar-Rabat. Vetturi tal-Elettriku

26.03.06 L-oġġezzjoni għall-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar numru **PA 6587/20** saret permezz tal-*e-apps* tal-Awtorita' tal-Ippjanar mill-uffiċċju u issa l-KLR huwa ***a registered objector***. Din l-oġġezzjoni kienet approvata fis-seduta preċedenti minħabba l-imwejjed u s-siġġijiet li kienu se jingombraw passaġġ pubbliku Triq Zondadari. PA6587/20

26.03.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, semma' l-**maltemp** li kellna fil-bidu ta' din il-ġimgħa u qal illi f'din ix-xita ma kienx hemm rapporti ta' għargħar. Madankollu fil-gandott il-miftuħ li hemm biex jilqa' l-ilma tax-xita minn Vjal il-Ħaddiem u li jinsab fir-raba, nstab reċipjent forma ta' kardarrun kbir li kien qed jimblokka. Maltemp

26.03.08 Issemmew id-diffikultajiet bid-dewmien żejjed li kien hemm fit-**Triq tal-Imtaħleb bil-medda tad-drenaġġ il-ġdida** mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI). Fil-bidu dan kien dovut minħabba il-pont ta' żmien l-Ingliżi li nstab mirdum u għaldaqstant kien preservat, imbgħad bid-dewmien biex isir ir-*reinstatement* fuq l-istess gandott. Hawn intqal illi kien hemm rapporti illi t-triq mhux qed titqaxxar minn ħajt sa ħajt u l-KSI qalu li din hekk trid issir minħabba l-flora u l-fawna - biex dawn ikollhom fejn jimirħu fil-ħaxix. Kien hemm ukoll diffikultà fejn intqal illi l-ilma kien se jaqleb ma' faċċata ta' razzett li kien se jegħrqu minħabba li qiegħed taħt ir-riħ tat-triq. It-triq tal-Imtaħleb

26.04 **Approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti numru 315 u tal-Works/Purchase Orders numru 34** Ċedola tal-pagamenti u works orders

Kienu approvati l-iskeda tal-pagamenti 315 bi tnaqqis f'item 13452 u dik tal-*Works/Purchase Orders 34*. Kien deċiż illi jekk is-servizz tal-ġbir tal-iskart ma jkunx estiż kif propost mis-Sur Nazju Cassar f'Wied Ħażrun billi jitqassmu *bins* lill-familji t'hemmhekk kif ukoll f'Misraħ Suffara (propost mis-Sur Kris Grech) il-kont tas-Sur Wilson Mifsud li jidher fuq l-iskeda bin-numri: 13483-9 ma jiġix imħallas u jibqa' sospiż.

26.05 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** Mistoqsijiet

Ma kienx hemm.

26.06 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerta tal-Ġbir tal-Iskart RLC / 0185 / 20R** RLC/0185/20R

Kien ikkunsidrat u approvat b'vot unanimu r-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerta pubblika tal-ġbir tal-iskart. Dan il-kuntratt se jingħata lis-Sur Wilson Mifsud għal WM Environmental li kien irrakkomandat mill-Bord.

**F'dan il-waqt fis-6.45pm daħlet on-line is-Sra Doris Coleiro**

26.07 **Rapport tal-Pulizija dt14.11.2019 – Vjal il-Ħaddiem waqt il-maltempata tal-11.11.19** Ħsarat fuq vettura

Kien ukoll diskuss l-aċċident li seħħ madwar sena ilu fi Vjal il-Ħaddiem fuq tappiera li tinsab quddiem Triq in-Nigret. Ittieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill ma jirrifondix tal-ħsarat għaliex ix-xufier ma ġabx il-pulizija dak il-ħin tal-aċċident u wkoll għamel ir-rapport fl-għassa jiem wara li dan seħħ. S'issa din kienet il-linja li dejjem żamm magħha l-KLR matul iż-żminijiet filwaqt li nissimpatizzaw mal-vittma. Intqal ukoll illi din it-triq kienet saret mill-Gvern Ċentrali u għaldaqstant mhix fir-responsabbilità tal-KLR.

26.08 **Proposta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq għall-bdil ta' Triq Għajn Qajjet (fejn is-supermarket)** Bdil ta' isem ta' triq

Għad-diffikultà li kienet diskussa f'laqgħa li saret mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq mas-SE ftit tal-ġimgħat ilu biex parti minn Triq Għajn Qajjet tissemma' mill-ġdid, kien hemm diversi suġġerimenti fosthom Triq Bużugrilla għaliex dawn l-inħawi huma hekk magħrufa. Suġġerimenti oħra kienu ta' Triq Melita u Triq Anton Agius peress li kien joqgħod hemm. Il-KLR għażel Triq Bużugrilla għax hemm il-biża' li dan l-isem jintilef mingħajr ma jnaqqas mill-mertu tal-ismijiet l-oħra.

Ma kienx hemm deċiżjoni fuq l-isem ta' *Triq tal-Bażilika* minflok dik ta' *Triq Sant Rita/Pjazza tal-Parroċċa*, kif ukoll fuq Triq il-Karrijiet biex tinbidel għal Triq l-Isqof Silvestru Magro skont proposta oħra.

26.09 **Permess tal-Imwejjed u s-Siġġijiet ta' *Snack Bar* fi Triq il-Kbira** Permess tal-MTA

Kien diskuss il-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-ħanut *Tal-Baxa* fi Triq il-Kbira. Hawn kienet iffurmata speċi ta' gaġġa tal-ħadid li ġiet armata f'*parking bay* eżistenti. F'dan il-waqt intqal illi minkejja li dan l-ispazju qed ikun riżervat 24 x 7, dan il-ħanut tat-te, dejjem qed ikun magħluq u din l-ispeċi ta' gaġġa hija perikoluża minbarra li qed tieħu parkeġġ għal xejn. Sadanittant, se nistaqsu formalment lill-Pulizija x'jaħsbu fuqha għaliex qed tkun ta' periklu minħabba li t-triq hija dejqa u hemm *un/loading bay* faċċata tagħha. Il-permess ħareġ mill-*Malta Tourism Authority* mingħajr konsultazzjoni.

26.10 **Pjan għall-immaniġjar tat-traffiku b'toroq one-ways: Bir ir-Riebu, Emanuele Vitale, Pierre Muscat u Mons A Buhagiar** Pjan tat-traffiku

Il-kumitat imwaqqaf biex jipproponi titjib fis-**sistema tal-*one-ways*** fl-inħawi ta' Sant Agatha, iffurmat mis-Sur Chris Farrugia, is-Sur Kris Grech, is-Sur Matthew Chetcuti u s-Sur Ian Vassallo, iltaqa' darbtejn fl-uffiċċju Muniċipali u ħareġ bil-proposti ta' toroq *one-way*, kif indikat fis-*site plan* li kien ċirkulat mis-SE ma' din l-agenda u muri bħala dokument ma din l-agenda. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus tkellem dwar is-sistema tal-*one-ways* u qal illi din għandha ntellgħuha f'laqgħa *ad hoc* bħal dik tal-laqgħa pubblika.

Is-Sur Rudolph Grima talab li jkun skużat fis-7.00pm, kif fil-fatt kien.

26.11 **Laqgħa pubblika tal-lokalità** Laqgħa pubblika

Il-laqgħa pubblika se ssir fuq *Facebook Live* nhar it-2 ta' Diċembru 2020 fis-6.00pm minkejja li ma nistgħux nippreżentaw budget mingħajr ma nafu kemm se tkun l-allokazzjoni governattiva. Il-pubbliku se jkun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu waqt u wara l-laqgħa bil-miktub.

26.12 **Żewġ talbiet għall-għajnuna** Talbiet għall-għajnuna

Dwar talbiet għall-għajnuna, issemmiet il-proposta mir-Rettur tal-Knisja tal-Baħrija, biex issir biċċa arti sagra fil-Knisja. Il-kunsillieri irċevew kopja ta' dawn l-abbozzi ta' skultura mal-agenda. Talba oħra kienet biex inħallsu tal-iffumugar għall-hornets fil-Mużew Wignacourt. Dawn il-punti se jerġgħu jiġu diskussa peress li dawn huma entitatjiet non-governattivi. Talba oħra kienet mil-Kulleġġ San Nikola biex jingħataw ġugarelli f'rigali tal-Milied. Il-KLR qabel illi peress li tajna l-maskri lit-tfal, se nkunu qed ngħinu lill-Kulleġġ.

| | | |
|---|---|---|
| 26.13 | **Talba minn impjegati biex numru ta' siegħat *Vacation Leave* tal-2020 ikunu trasferiti għal ma' tas-sena 2021**<br>It-talbiet magħmula minn Shirley Bonanno, Caroline Farrugia u Naiomi Micallef ġew milqugħa. | Vacation Leave |
| 26.14 | **Punti Oħra** | Punti Oħra |
| 26.14.01 | Chris Farrugia qal illi hemm **mera tat-traffiku** imċaqalqa fi Triq tal-Virtù int u ddur għal Triq il-Merħliet. | |
| 26.14.02 | Issemma' wkoll mis-Sur Rudolph Grima u s-Sur Chris Farrugia l-**propost skedar tal-inħawi ta' Triq Cosmana Navarra**. Il-proposta tal-Kunsill se tkun ħafna iktar mifruxa milli speċifikament fuq din it-triq u s-SE kien awtorizzat jimmarka fuq *site plan* din iz-zona biex tkun iċċirkulata lill-Perit tal-Kunsill li konna qajjimna l-każ miegħu meta kien preżenti f'laqgħa tal-KLR meta saret l-oġġezzjoni għall-iżvilupp fil-Wied Għeriexem. Il-bażi tal-iskedar ta' dawn l-inħawi se ssir għaliex in-naħa ta' Triq Cosmana Navarra u Triq Sant Antnin huma mibnija fuq għerien storiċi fil-foss tal-Imdina l-antika u huma propju fil-qalba u z-zona urbana tar-Rabat u għaldaqstant importanti għall-ġeoloġija u l-istorja tagħhom. Għaldaqstant jekk isir xi żvilupp jista' jippreġudika jew jgħarraq il-wirt storiku u t-tradizzjoni Rabtija. F'dan il-punt is-SE qal illi kienet fil-*media* l-aħbar illi l-Kappella ta' San Mikiel tas-Sanċier kienet skedata mill-Awtorita' tal-Ippjanar minkejja li din issa qiegħda f'idejn *Din l-Art Ħelwa* li se jagħmlu r-restawr tagħha. | Skedar ta' propjetajiet fir-Rabat |
| 26.14.03 | Is-Sur Kris Grech talab li ssir **bankina ġdida** fil-Kunċizzjoni quddiem resident. Hu qal illi meta kienu asfaltaw it-triq ma kienetx saret. | Bankina fil-Kunċizzjoni |
| 26.14.04 | Is-Sur Matthew Chetcuti tkellem fuq il-**flats t'Għeriexem** u stqarr illi fejn il-*lift* hemm bżonn li ssir rampa fil-bankina biex titjieb l-aċċessibilità. Dan biex intejbu l-ħajja tar-residenti ta' dawn l-appartamenti. | Rampa ġdida |
| 26.14.05 | Is-Sur Chris Farrugia tkellem fuq il-pubblikazzjoni ***Rabat Sacrum*** li se jinawgura l-KLR, u qal illi s-Sur Daniel Cilia se jkun qed ilesti x-xogħol viċin il-Milied. Is-Sur Farrugia qal illi sadanittant ħareġ mill-Isptar l-*istakeholder* ewlieni ta' din il-pubblikazzjoni il-Kanonku Dun Gwann Azzopardi u ppropona illi dan jiġi intervistat mill-KLR fil-jiem li ġejjin. | Rabat Sacrum |
| 26.14.06 | Is-Sur Chris Farrugia staqsa jekk it-**Triq tar-Reservoirs**, lejn Ħad-Dingli hux se ssir bil-qatran u ħeġġeġ biex isir *refreshing* fuq marki tat-traffiku (yellow lines) fi Triq il-Merħliet. Semma' wkoll struttura li saret hemmhekk aktar b'mod illegali. | Qatran, marki tat-traffiku u struttura illegali |
| 26.14.07 | Is-Sur Ian Vassallo tkellem fuq il-bżonn li ssir aktar **sorveljanza** biex vetturi goffi ma jgħaddux minn **Triq Gorg Borg Olivier**. Hu ssuġġerixxa li dan isir mill-*Community Police* peress li dawn ikunu fuq il-*beat*. Fakkar ukoll illi meta jeħlu l-vetturi jkun hemm diffikultajiet kbar biex jirriversjaw f'din it-triq tant passaġġa u urbana. Hawn inqal illi dawn il-pulizija jistgħu ikunu msejħa għal-laqgħa permezz ta' skype. | Triq GBO |
| 26.14.08 | Is-Sur Ian Vassallo talab ukoll illi ssir **manutenzjoni fuq il-bankina** li hemm fit-triq bejn il-ħanut *Luxonas* u n-Nigret Pharmacy. | Tiswijiet fuq bankina |
| 26.14.09 | Is-Sur Ian Vassallo talab illi jsir **restawr tan-niċċa ta' San Pawl** fuq is-Saqqajja. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, qal illi din taqa' taħt l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Hu qal illi hemm stima li din tammonta għal €60,000 għax trid tiżżarma ġebla ġebla biex tiġi rrestawrata. Intalbet laqgħa mar-Rettur, is-Sur Anthony Casha biex jaġġornana. | Niċċa ta' San Pawl |
| 26.14.10 | Is-Sur Nazju Cassar semma l-problema li hemm bit-**tiġrif tal-ħajt taħt is-Saqqajja**. Hawn intqal illi hemm bżonn li nkellmu lis-Sandro Azzopardi tal-Ministeru tal- | Ħajt tas-Saqqajja |

Komunikazzjoni biex jerġa jittella' l-ħajt minn isfel u terġa' tirrenja s-sigurtà fit-Telgħa tas-Saqqajja.

26.14.11 Is-Sur Kris Grech talab biex tiddaħħal il-pulizija minħabba **ħajt tal-kantun privat li qiegħed jiġġarraf** u għaldaqstant hu ta' periklu fil-Kunċizzjoni. Ħajt perikoluż

26.14.12 Is-Sur Matthew Chetcuti tkellem fuq is-sigurtà li hija nieqsa fejn ***garage* fi Triq is-Sajf ta' San Martin**. Hawn intqal illi min ikun dieħel u ħiereġ fil-*garage* ma jistax jara min ikun ġej fuqu. Hu qal illi bil-vannijiet ipparkjati qed tkun ostakolata l-vista u għaldaqstant double yellow line jista' jkun is-soluzzjoni. Marki tat-trafiku fi Triq is-Sajf ta' San Martin

26.14.13 Issemma' wkoll il-bżonn li titwaħħal **bozza mill-ġdid fi Triq Pierre Muscat** viċin il-*pet shop*. Hawn intqal illi is-sidien waqqgħu l-kantuniera u fis-sit kien hemm arblu li nqala' u miegħu kien hemm lampa tat-toroq u din ma reġgħetx twaħħlet mill-ġdid. Dawl tat-toroq fi Triq Pierre Muscat

26.14.14 Is-Sur Alan Said tkellem fuq l-**isprall li hemm imkisser** quddiem l-Adelphi fi Triq ir-Repubblika li għandu jkun irranġat. Sprall miksur

26.15 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-20.20 u se niltaqgħu bħal-llum tliet ġimgħat fl-istess ħin.

| | (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
|---|---|---|
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum 9.12.2020 minn | Sandro Craus |
| | Segretarju Eżekuttiv | Sindku |